

Brussell, 6 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0176(COD)

15156/1/22
REV 1

CODEC 1824
PECHE 476

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 f'dak li għandu x'jaqsam mar-restrizzjonijiet għall-aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fil-5 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 43(2) TFUE, lill-Kunsill.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-22 ta' Settembru 2021².
3. Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³. Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kienet akkumpanjata minn dikjarazzjoni tal-Kummissjoni u dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni⁴.

¹ 10417/21 + COR 1 + ADD 1 + ADD 1 COR 1.

² ĠU C 517, 22.12.2021, p. 123.

³ 14975/22.

⁴ Dawk id-dikjarazzjonijiet huma annessi mar-risoluzzjoni leġislattiva annessa għad-dok. 14975/22. Dawn jirriflettu d-dikjarazzjonijiet li kienu diġà ġew indikati fid-dok. 12950/22 ADD 1 REV 1 + ADD 2 REV 1.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa b'hekk mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 56/22, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-Irlanda tivvota kontra;
5. Id-dikjarazzjonijiet imsemmija hawn fuq jinsabu wkoll fl-Addendum 1 għad-dok. 15156/22 bħala dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
